MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## ANNA FELICE

Seduta tal-25 ta' Jannar, 2011

Citazzjoni Numru. 312/2008

**A B gia' C D**

**-vs-**

**Dr. Patrick Valentino u P.L. Doreen Aquilina li b'digriet tal-14 ta' Novembru 2008, gew nominati kuraturi deputati sabiex jirraprezentaw lill-assenti E F B**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ta' A B fejn din, wara li ppremettiet:

Illi fl-1 ta' Marzu 1997, hija ghamlet cerimonja ta' zwieg fir-Registru taz-Zwigijiet mal-konvenut E F B (Dok. A).

Illi miz-zwieg taghhom ma kienx hemm tfal.

Illi l-hajja mizzewga bejn il-partijiet ma kienet xejn felici tant li fis-16 ta' Dicembru 1999, kellhom jisseparaw (Dok. B).

Illi jidher car mill-bidunett li l-konvenut kellu hsieb wiehed biss f'mohhu u dan kien li jiehu c-cittadinanza Maltija.

Illi fiz-zmien li sar iz-zwieg ma' l-intimat ma kellux rieda bizzejjed biex jinholoq kunsens ghaz-zwieg.

Illi l-kunsens tal-intimat kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha.

Illi l-kunsens tar-rikorrenti nkiseb b'qerq dwar kwalitajiet tal-parti l-ohra u mix-xorta taghha fixklet serjament il-hajja mizzewga.

Illi l-kunsens tal-attrici inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga jew ghad-dritt ghall-att taz-zwieg.

Illi l-konvenut rabat il-kunsens taz-zwieg ma kundizzjoni li tirreferi ghall-futur.

Ghaldaqstant, l-attrici titlob sabiex din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

Tiddikjara li z-zwieg li sar bejn il-kontendenti nhar l-1 ta' Marzu 1997 huwa null u bla effett u dan ai termini tal-artikolu 19 tal-Att Dwar iz-Zwieg, Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta u dan ghar-ragunijiet premessi li huma mputabbli lill-intimat.

Rat ir-risposta ta' Dr. Patrick Valentino u l-P.L. Doreen Aquilina fejn dawn eccepew:

Illi huma ma humiex edotti mill-fatti tal-kawza, pero' jirriservaw illi jipprezentaw risposta guramentata ulterjuri u aktar xhieda meta u jekk jirnexxilhom u jottjenu aktar informazzjoni dwar il-kaz odjern.

L-insenjament ta’ dawn il-Qrati, f’materja ta’ zwieg ta’ konvenjenza giet ben enuncjata fil-kawza “**Miriam Ramadan Mabrouk xebba Psaila vs Lovay Ramadan Wahba Mabrouk**”, (deciza mill-Qorti Civili Prim’Awla fis-16 ta’ Jannar 1998), fejn il-Qorti rriteniet:

“*Meta l-unika skop tal-kontraent ikun li jibqa’ Malta biex jahdem u eventwalment jikseb ic-cittadinanza, hu jkun qieghed pozittivament jeskludi z-zwieg innifsu, b’mod li jkun hemm simulazzjoni totali. Naturalment, f’dawn il-kazijiet wiehed m’ghandux jistenna li jsib prova diretta tas-simulazzjoni, fis-sens ta’ xi dikjarazzjoni esplicita ta’ l-intenzjoni ta’ dak li jkun, pero’ tali intenzjoni tista’ tigi manifestata wkoll implicitament*.”

Fil-kaz in ezami, l-attrici tixhed hekk:

“*Ghamlu rejd f’dawk il-flats u arrestawh ghaliex qalulu li kien Malta minghajr permess. Cempilli avukat li nsejt x’jismu u qalli b’urgenza kbira illi jekk irrid li nohorgu mill-habs, irrid nizzewgu malajr.*

*Qalli, ‘Dakinhar li johrog mill-habs trid tmur tizzewgu’. Ma tantx kelli ghazliet. Donni nhsadt. Min-naha l-wahda ma kienx ili nafu wisq u min-naha l-ohra thassartu u ma ridtux jibqa’ l-habs. Allura izzewwigtu. Jiena kont armla u ghidt hekk jew b’hekk ikolli xi ftit tal-kumpanija.*

*Imma maz-zmien indunajt li beda johrog mieghi u ma baqax imur ghand dik il-mara mizzewga ghaliex dik ma setghetx tizzewgu u jien stajt.*

*Maz-zmien inbidel minn meta konna nohorgu flimkien u kellna nisseparaw. Wara li sseparajna ried jirranga bil-qawwa u anke offrieli l-flus biex ikun jista’ jiehu c-cittadinanza. Fil-fatt offrieli li jaghtini Lm500 biex ma nibqax separata minnu biex jiehu c-cittadinanza. Dawn il-flus harighom quddiemi biex ihajjarni imma jien ma ridtux aktar*.”

Ohtha, imbaghad tghid:

"*L-unika haga li naf hi li Mohammed ried jibqa' Malta. Ohti kienet qaltli dan. Qaltli wkoll li hu kien offrielha Lm500 biex terga' tirranga mieghu biex ikun jista' jiehu c-cittadinanza*."

Il-Qorti, fic-cirkostanzi, ghalhekk tqis li l-attrici rnexxielha tipprova li t-talbiet taghha huma gustifikati.

**Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:**

Tilqa' t-talba tal-attrici u tiddikjara li z-zwieg kontrattat bejn il-partjiet fl-1 ta' Marzu 1997 huwa null u bla effett.

L-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------